FONTANA

Minuti tat-tielet laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar il-Ħamis, 8 ta` Mejju 2008 fit-3.00 ta` wara nofsinhar.

| **Preżenti:** | **Membri** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi-Sindku | Is-Sur Anthony Borg |
| | Is-Sur Lorry Apap |
| | Is-Sur Victor Cefai |
| | Is-Sur Horace Micallef |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Is-Sinjura Josianne Cassar |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku Saviour Borg.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet it-talba u qrat il-minuti ta` qabel li ġew approvati.

**Korrispondenza**

*Modelle International* talbu lill-Kunsill sabiex isibu persuna għall-kompetizzjoni ta` '*Miss World – Gozo 2009*'. Il-Kunsill qabel unanimament illi jinnomina lil Lucienne Attard sabiex tkun parteċipanta f`din il-kompetizzjoni.

*Merlin Library Ltd.* bagħtu korrispondenza lill-Kunsill dwar il-kampanja 'Il-Ktiebteżor'.

Il-Fondazzjoni OASI talbet l-għajnuna ta` EUR150 lill-Kunsill għas-sbatax il-edizzjoni ta` 'Riflessi Sajfin' li ser tiġi organizzata fid-9 t`Awissu f`Marsalforn. Il-Kunsill qabel illi jgħin f`din l-attivita` billi jagħti EUR150.

L-Aġenzija Sedqa awgurat lill-membri tal-Kunsill il-ġdid u kitbet illi tixtieq taħdem aktar viċin mal-Kunsill. Jekk il-Kunsill jixtieq jaħdem flimkien ma` Sedqa għandu jikkuntattja lis-Sur Martin Chetcuti.

Il-Kumitat dwar is-Sistema ta` l-Infurzar Lokali (LESC) bagħat Ċirkolari LESC 1/2008 dwar it-taħrika biex wieħed jidher quddiem it-tribunal lokali meta jkollu petizzjoni għadha pendenti.

Is-Sur Natalino Attard, Direttur għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza dwar l-allokazzjoni finanzjarja. L-allokazzjoni għas-sena 2008-2009 ser tkun EUR106,431.

Id-Direttur bagħat ittra fejn feraħ u awgura lill-membri tal-Kunsill il-ġdid u ġibed l-attenzjoni tagħhom għall-irwol ta` l-Eżekuttiv tal-Kunsill. Huwa wiegħed l-appoġġ u għajnuna f`kull talba leġittima tal-Kunsill.

Id-Direttur bagħat ukoll korrispondenza lill-Kunsill dwar il-Ftehim li ntlaħaq bejn l-AKL u l-UĦM li ġie ffirmat fil-15 ta` Frar 2008 li jitqies li jifforma parti ntegrali mill-Ftehim Kollettiv għas-Segretarji Eżekuttivi u għall-Gradi Klerikali. Il-Kunsill għandu jonora l-obbligi ta` dan il-Ftehim fit-totalita` tiegħu.

Is-Sur Silvio Frendo mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat ittra lis-Sindku dwar il-kuntratt indefenit tas-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku għandu jibgħat ittra lis-Segretarju Eżekuttiv dwar din il-materja.

L-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bagħtet il-listi t`applikazzjonijiet ġodda għall-permess ta` żvilupp li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsill.
L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bagħtet diversi korrispondenza dwar il-ġbir ta` skart separat li ser jibda f`Għawdex. Wara li l-Kunsill talab parir mingħand l-Assoċjazzjoni dwar l-iffirmar tal-kuntratt ġie nfurmat biex il-kuntratt ma jiġix iffirmat għalissa u jaħdem fuq bażi sperimentali. Sadanittant is-Sur Chris Ciantar bagħat *e-mail* lill-Kunsill fejn infurmah illi l-iskart separat kemm tal-Fontana kif ukoll dak ta` Kerċem qed ikun ikkontaminat. Il-Kunsill ġibed l-attenzjoni tal-kollettur dwar dan, fejn dan informa lill-Kunsill li fejn qed ikun hemm boroż imħallta bi skart organiku qed jitħalla fuq il-bankina biex jinġabar filgħaxija.
L-Assoċjazzjoni bagħtet tinforma lill-Kunsill b`konferenza li ser issir fi Brussels fis-27 ta` Ġunju 2008 bis-suġġett '*EPODE European Mayors` Club congress*'.
L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bagħtet korrispondenza dwar '*Emanzipar Seminar*' u dwar is-sistema kompjuterizzata tal-LES tal-Pulizija tat-Traffiku.
Inqrat Ċirkulari AKL 30/2008 dwar *Yellow Pages 2008/9*.
Inqrat Ċirkulari AKL 33/2008 dwar Skema ta` Saħħa għall-Ħaddiema Klerikali, Segretarji Eżekuttivi u Kunsillieri fil-Kunsilli Lokali għas-Sena 2008-2009. Il-Kunsill qabel illi jħallas din l-iskema tas-saħħa għall-membri u għas-Segretarju Eżekuttiv.
Inqrat Ċirkulari AKL 34/2008 dwar Assikurazzjoni dwar il-Flus fil-Kunsilli Lokali u fit-Tribunali 2008-2009. Il-Kunsill qabel illi jġedded din l-assikurazzjoni.
Inqrat Ċirkulari AKL 37/2008 dwar Talba għall-Ġemellaġġ mal-belt ta` Ficulle (provinċja ta` Terni), l-Italja.
Inqrat Ċirkulari AKL 38/2008 dwar Talba għall-Ġemellaġġ mal-belt ta` Schoonhoven, l-Olanda.
Inqrat Ċirkulari AKL 40/2008 dwar l-aħbar tal-mewt tas-Sinjura Rose Grima, omm il-Kunsillier Marica Bayliss, Kunsill Lokali San Ġwann.
Inqrat Ċirkulari AKL 41/2008 dwar l-aħbar tal-mewt tas-Sur Joseph Grima, missier is-Sindku ta` Raħal Ġdid, Dominic Grima.
Inqrat Memo 10/2008 dwar Egħluq tas-Sena Finanzjarja 2007-08.
Inqrat Memo 11/2008 dwar Tagħrif dwar Sentenzi tal-Qorti.

**Mistoqsijiet**
Ma kienx hemm mistoqsijiet f`din il-laqgħa.

**Ilmenti/Suġġerimenti**
Ms. Grace Cardona ta` 64, Triq l-Isptar San Ġiljan talbet sabiex tittieħed azzjoni peress li qed ikun hemm ilma bis-sapun fit-triq, trakk bil-ħaxix għar-rimi li jimla kullimkien bin-nemus u mbagħad jinħasel fl-istess post. Hija kitbet illi diversi drabi jgħaddu l-*Wardens* u ma jagħtux każ. Qed jipparkjaw fuq id-*double yellow line* u ma jittieħdu l-ebda passi dwar dan. Għal-laqgħa kien hemm preżenti Ms. Grace Cardona. Wara li l-Kunsill ta l-opportunita` lil Ms. Cardona tgħid il-problema li għandha, l-Kunsill qabel illi jibgħat kopja ta` dan l-ilment lill-Uffiċċjal Awtorizzat għal Għawdex sabiex jittieħdu l-passi neċessarji. Ms. Cardona rtirat l-ilment li kienet għamlet lill-Kunsill dwar tabella fl-istess triq.

Is-Sinjura Carmen Cutajar ta` 104, Triq tal-Għajn kitbet lill-Kunsill illi quddiem il-bibien tagħha qed ikun hemm ħmieġ tal-klieb u ilma maħmuġ ħiereġ minn tliet katusi. Il-katusi qegħdin għal barra fit-triq u kontra l-Liġi. Hija talbet lill-Kunsill sabiex jieħu azzjoni. Is-Sindku qal illi taħt din il-mina huwa privat, dan skond l-iżviluppatur is-Sur Paul Scicluna, li ġieli talab lill-Kunsill biex tiġi esproprjata mill-Gvern. Dan meta sar il-Kunsill talab biex titwaħħal bozza u jsir xogħol f`wiċċ l-art peress li tiżloq. Il-Viċi-Sindku qal illi huwa tal-parir illi jintalab kopja tal-permess mill-MEPA sabiex jiġi ċċekjat jekk taħt il-mina hux privat jew pubbliku. Il-Kunsill qabel.

Il-Kunsillier Horace Micallef ressaq ilment sabiex issir tabella li tindika '*Bus Stop*' u titpoġġa fejn kienet f`tarf Pjazza l-Għejjun. Is-Sindku qal illi hemm bżonn tinbidel ukoll dik ta` ħdejn il-Knisja u ta` ħdejn l-Għajn ta` Bendu peress li m`għadhomx jidhru. Dawn huma responsabilita` tal-Gvern Ċentrali. Il-Viċi-Sindku ser jieħu ħsieb illi jordna dawn it-tabelli mingħand il-Gvern Ċentrali.

Il-Kunsillier Micallef talab sabiex bankina li saret dan l-aħħar mill-Gvern Ċentrali fi Triq San Martin titkaħħal u tingħata r-ramel. Is-Sindku ser jieħu ħsieb li din issir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Victor Cefai ssuġġerixxa li ssir *sign* pulita li tkun tindika fejn hu x-xelter. Il-Viċi-Sindku ssuġġerixxa li ssir skrizzjoni b`informazzjoni dwar ix-xelter minn Mons. Dr. Joe Bezzina. Il-Kunsill qabel.

Il-Viċi-Sindku talab sabiex tiġi ordnata tabella li tkun tindika li ma jistax jintefa` żibel għal Triq is-Sajjieda. Il-Kunsill qabel.

Il-Viċi-Sindku semma wkoll il-fanal li hemm ħdejn id-dar ta` Karmena Grima fi Triq tal-Għajn. Huwa talab sabiex dan il-fanal jersaq aktar il-fuq. Il-Viċi-Sindku ġie nfurmat mis-Sindku li qabel kien f`nofs il-faċċata tad-dar biswit id-dar imsemmija, pero` r-residenta ma riditux u kien għalhekk li tpoġġa aktar l-isfel fl-istess faċċata. Huwa qal li jinħoloq preċedent jekk dan jitħarrek għax niġu f`sitwazzjoni li jistgħu jitolbu oħrajn biex jinqalgħu bozoz jew fanali li mhumiex mal-proprjeta` tagħhom. Il-Kunsilier Lorry Apap qal illi jekk nagħmlu dan hemm numru ta` persuni fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili li kienu avviċinawh sabiex jinqalgħu l-fanali minn mal-faċċata tad-djar tagħhom. Il-Kunsill qabel illi jekk jiftehmu bejniethom ma jkun hemm l-ebda problema li jiċċaqlaq.

**Materji oħra**

Is-Segretarju Eżekuttiv attendiet kors bis-suġġett '*Improving Customer Relations*' fil-Kunsill Lokali tan-Nadur fit-18 t`April 2008.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi nġabret is-*CD* tal-ġurament u ser jiġu ordnati r-ritratti.

Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-Kunsillier Victor Cefai attendew laqgħa li ġiet organizzata mit-TCTC dwar korsijiet li ser isiru fis-Sajf bl-isem 'e-tfal'. It-TCTC trid li jinġabru EUR4658.75 mill-Kunsilli Għawdxin. Il-Kunsilli ż-żgħar bħal tagħna jħallsu EUR232.94. Din saret fil-Kunsill tar-Rabat nhar l-Erbgħa, 30 t`April. Ser isir ukoll kors dwar l-*internet* mit-TCTC sponsorjat mill-*Vodafone*. Il-Kunsill qabel illi s-Segretarju Eżekuttiv taċċetta l-applikazzjonijiet flimkien mal-ħlas ta` EUR5 għal dan il-kors.

Is-Sindku qal illi hemm bżonn li jsiru persjani jew kontraporti għat-twieqi tas-Sala tal-Komunita` għal aktar sigurta'. Il-Kunsillier Lorry Apap issuġġerixxa li jsiru kontraporti. Il-Kunsill qabel illi jiġbor kwotazzjoni mingħand *Homestar Furniture Ltd*. għall-kontraporti peress li kienet din il-kumpanija li għamlu t-twieqi.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi attenda laqgħa dwar il-proġett GAL li kienet organizzata mir-Rappreżentant Reġjonali Noel Formosa. Hemm fondi mill-Unjoni Ewropeja għall-irħula rurali fejn Għawdex huwa kollu żona rurali. Ġie spjegat minn kumpanija kummerċjali kif wieħed jista` jieħu sehem.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li attenda għas-*Celebration Day* tal-Iskola Primarja Sir Arturo Mercieca fejn ippreżenta f`isem il-Kunsill kotba għall-Librerija ta` l-Iskola. Saret ukoll il-laqgħa tal-Komunita` fis-Sala tal-Kunsill. Attendew tmien persuni fejn resqu l-ilmenti u s-suġġerimenti tagħhom. Għal din il-laqgħa attendew is-Sindku l-Viċi-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsilliera Victor Cefai u Horace Micallef.

Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li saret b`suċċess l-attivita` li organizza l-Kunsill waqt il-*Gozo 1234* fejn ta` kuljum attendew mijiet ta` nies fi Pjazza l-Għejjun fejn kien hemm ħasil tas-suf tan-nagħaġ fl-Għajn ta` Bendu li kien sponsorjat mill-*Fontana Cottage Industry* flimkien max-xogħol tan-newl u bizzilla. Il-Kunsill ħa ħsieb li jsir il-ħasil tal-ħwejjeġ fl-Għajn il-Kbira permess ta` Mary Grace Borg u Mary Cardona, kif ukoll il-ħdim tan-nassa tal-qasab u xbieki minn Francis u Francis rispettivament. Sar ukoll il-ftuħ tax-xelter ta` ħdejn l-Għejjun. Fl-attivita` tal-Ħadd filgħodu għal xi ħin attenda l-Onor. Prim Ministru Lawrence Gonzi u s-Sinjura Tiegħu fejn ġie ppreżentat mis-Sindku replika tal-Għajn il-Kbira u ktejjeb dwar il-Fontana. Attendew ukoll is-Segretarji Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru l-Onor. Chris Said u s-Sinjura Tiegħu u l-Onor. Mario DeMarco flimkien mal-Ministru għal Għawdex l-Onor. Ġiovanna Debono. Il-Viċi-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillier Victor Cefai kienu preżenti. Il-Kunsillier Victor Cefai qal illi huwa kkuntattja lill-*photographer* li ħa r-ritratti f`din l-okkażjoni sabiex inkunu nistgħu nakkwistawhom.

Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mas-Superintendent tal-Pulizija Antonello Grech fejn ġie diskuss x`użu jista jsir mill-Pulizija mill-*multi-purpose room* li nbniet fl-ewwel fażi taċ-Ċentru Ċiviku. Is-Superintendent qal illi ser jinforma lill-Kummissarju imbagħad jagħti risposta lill-Kunsill.

Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li saret il-ħarġa għar-residenti f`Malta fejn attendew 50 persuna fosthom is-Sindku u l-Kunsilliera Victor Cefai u Horace Micallef. Saret quddiesa fil-Kappella tal-Bidnija, wara żorna l-*Falconry* fis-Siġġiewi kif ukoll ir-restawr tal-Knisja l-qadima fl-istess raħal. Wara żorna l-inħawi ta` San Mattew tal-Maqluba fil-Qrendi u Marsaxlokk fejn dħalna wkoll sa ħdejn il-fanal ta` Delimara.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nqatgħet il-kawża li għamel il-kuntrattur Pinu Attard dwar il-ħlas tal-bini tat-tieni parti tal-ħajt tas-sejjieħ fi Triq ix-Xlendi. Il-Qorti ddeċidiet li taqbel mar-rapport tal-Perit tekniku Vince Cilibeti li l-ħajt ma nbeniex skond is-sengħa u l-arti u dan irid jinqala` u jinbena mill-ġdid. Il-Qorti ordnat biex mis-somma ta` EUR3630.96 (Lm1558.77) mitlub mill-kuntrattur skond il-kont maħruġ mill-Perit Edward Scerri l-Kunsill iħallas is-somma ta` EUR698.81,0 (Lm300) għar-raġuni li l-kuntrattur għandu jirċievi kumpens tal-materjal użat, dan anke għall-fatt li l-Kunsill qabel bdiet il-kawża kien offra li jagħmel dan. Dawn ser jibdew jgħaddu bl-imgħax mis-16 ta` Mejju 2007 u l-ispejjeż ser jitħallsu 1/5 mill-Kunsill u l-kumplament mill-kuntrattur Pinu Attard bl-eċċezzjoni tal-ispejjeż relatati mas-sentenza parzjali li ngħatat fit-28 ta` Ġunju 2007 li kienet dwar il-preskrizjoni tal-każ, li jridu jitħallsu mill-Kunsill. Kopja tas-sentenza ntbagħtet lill-Kunsill mill-Avukat Angele Formosa.

Dwar is-separazzjoni ta` l-iskart is-Sindku nforma lill-Kunsill li flimkien mar-raħal ta` Kerċem konna l-ewwel f`Malta u Għawdex li bdejna nħaddmu din is-sistema peress li l-

Kunsilli l-oħra ma bdewx fid-data stipulata. Il-Kunsill permess tal-ħaddiema tiegħu ħa ħsieb li jitqassmu l-pakketti tal-boroż li ngħataw mill-*WasteServ* lil kull familja. Dan sar permezz tal-ħaddiema tal-Kunsill. Il-Kunsill tal-Fontana ser jieħu EUR140 għal dan it-tqassim.

Is-Sindku qal illi hemm bżonn isiru *bollards* f`Wied Siekel biex ma jgħaddux vetturi minn fuq il-passaġġ tal-ġebla tal-qawwi li sar xi xhur ilu. Il-Kunsill qabel illi jiġbor kwotazzjonijiet għal erbgħa, tnejn minnhom ikunu jinqalgħu biex is-sidien li għandhom proprjeta` fl-inħawi meta jkollhom bżonn ikunu jistgħu jidħlu. Sar qbil ukoll li jiġu ordnati żewġ tabelli mingħand il-*Koptasin* li jindikaw li ma jistgħux jgħaddu vetturi u muturi waħda f`kull tarf ta` Triq Wied Siekel.

Is-Sindku attenda wkoll għal-laqgħa li saret mill-Ispetturi Mifsud u Tabone għas-Sindki Għawdxin fl-Għassa tar-Rabat, fejn ġew imressqa diversi problemi mis-Sindki Għawdxin. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li attenda għal-laqgħa tal-Kumitat tal-Festa fuq talba tal-Amministratur Parrokkjali, fejn ġie diskuss f`hix jista` jgħin il-Kunsill. Il-Kunsill reġa` ġie mistieden biex jipparteċipa f`FestaTfal, peress li s-sena l-oħra ma kienx ħa sehem peress li ma ġiex avviċinat bħas-soltu, ġiet ukoll diskussa l-għajnuna li jista` jagħti l-Kunsill għat-tiġrijiet bil-bhejjem, kif ukoll biex isiru toqob u tappieri ġodda għan-nar tal-art fi Triq ta` Mulejja. Il-Kunsill qabel li jgħin f`dawn l-attivitajiet bħas-soltu EUR232.94 għal FestaTfal u EUR582.34 għat-tiġrijiet tal-bhejjem. Din is-sena ser jieħdu ħsiebhom Marlon Curmi, Gary Sammut u Chris Cutajar. Is-Sindku qal ukoll li ser ikellem lil Anton Cassar tal-*Fontana Cottage Industry* biex jgħin f`dawn it-tiġrijiet.

Il-Kunsillier Victor Cefai qal illi avviċinah Fr. Alex fejn talbu sabiex jiltaqa` mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel illi jiltaqa` ma` Fr. Alex f`laqgħa tal-Kunsill. Il-Kunsillier Cefai qal ukoll li x-xogħol li kellu jagħmel fil-kompjuter huwa lest.

Il-laqgħa spiċċat fil-5.00 ta` filgħaxija u ġiet aġġornata għall-kontinwazzjoni tagħha għal nhar il-Ħamis, 26 ta` Mejju 2008 fis-2.00 ta` wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| Josianne Cassar | Saviour Borg |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |